

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-460/09 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea — Konstatazzjoni ta' irregolaritajiet fil-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella lejn il-Ġordan — Investigazzjoni tal-OLAF — Komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali — Kostituzzjoni ta' garanziji — Talba għal rimbors tal-ispejjeż relatati — Rabta kawżali — Appell inċidentali — Terminu ta' preskrizzjoni — Bidu tad-dekorrenza)*

(2013/C 114/03)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

**Partijiet**

Appellanti: Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA (rappreżentanti: F. Sciaudone u C. D'Andria, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u P. Rossi, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li saret il-Qorti Ġenerali) (Is-Sitt Awla) tal-4 ta' Settembru 2009, Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (T-174/06), li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadet rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali intiż għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara li ntbagħtu lill-awtoritajiet Taljani konklużjonijiet, li jinvolve lir-rikorrenti, ta' investigazzjoni magħmula mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) sabiex tiġi vverifikata l-leġittimità ta' ċerti rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella lejn il-Ġordan.

**Dispożittiv**

(1) L-appell prinċipali u l-appell inċidentali huma miċħuda.

(2) Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA huma kkundannati għall-ispejjeż relattivi għall-appell prinċipali.

(3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż relattivi għall-appell inċidentali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 24, 30.01.2010.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija**

(Kawża C-473/10) <sup>(1)</sup>

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura ferrovjarja — Impożizzjoni ta' tariffa tal-infrastruttura ferrovjarja — Direttivi 91/440/KEE u 2001/14/KE — Traspożizzjoni inkompleta)*

(2013/C 114/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk, B. Simon u A. Sipos, aġenti)

Konvenuta: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, K. Szijjártó u G. Koós, aġenti)

Partijiet intervenjenti insostenn tal-parti rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, T. Müller u J. Očková, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Szpunar, B. Majczyna u M. Laszuk, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 6(3) u mal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar